**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 1547/01AE**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurata taghhom Carmen Cutajar u l-istess Carmen Cutajar**

**vs**

**Anthony Zammit u Jacqueline Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm869.05), danni sofferti b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta'

osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta l-vettura numru CRM 505 misjuqa mill-attrici giet milquta mill-vettura bin-numru FAH 065 misjuqa mill-konvenut Anthony Zammit li, min-naha taghha giet milquta mill-vettura bin-numru KAP 904 misjuqa mill-konvenuta l-ohra Jacqueline Farrugia.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenut Anthony Zammit (fol. 8) li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident, kif ukoll ressaq kontro-talba (fol. 10) li permezz taghha qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm422) danni minnu sofferti fl-incident in kwistjoni.

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta Jacqueline Farrugia giet debitament notifikat bl-atti, baqghet ma pprezentatx risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret fis-seduti quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta' Jannar 2001 gewwa l-Marsa.

2. Jirrizulta li kien hemm it-traffiku u f'hin minnhom il-vettura misjuqa mill-konvenuta Jacqueline Farrugia baqhet diehla fuq wara tal-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor. Bl-impatt (li mix-xhieda rrizulta li kien wiehed vjolenti) il-vettura misjuqa mill-konvenut (FAH 065) dahlet ghal fuq il-vettura ta' quddiemha, Mazda 121 bin-numru CRM 505 u misjuqa minn Carmen Cutajar.

3. L-Artikolu 1031 jipprovdi li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*. Mill-provi li tressqu ma jirrizultax li kien hemm xi negligenza min-naha tal-konvenut Anthony Zammit, u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal dan ma jistax jigi ritenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi. Mhux l-istess jinghad fil-konfront tal-konvenuta l-ohra.

4. Dwar il-kontro-talba proposta mill-konvenut, din ma tistax tregi fil-konfront ta' l-atturi, u dan peress li m'ghandhom l-ebda responsabbilta ghall-incident de quo. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li l-konvenut Anthony Zammit jista' ghandu fil-konfront tal-konvenuta l-ohra, liema pretenzjoni ma tistax titressaq permezz ta' kontro-talba. Dan huwa kkonfermat minn Artikolu 5 ta' l-Avviz Legali 145 ta' l-1995 (Regoli ta' l-1995 dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar) li jipprovdi: *"konvenut jista' fir-risposta tieghu jaghmel kontro-talba* ***kontra parti li taghmel it-talba****"*.

Fil-kaz odjern il-konvenuta mhi taghmel l-ebda talba fil-konfront tal-konvenut Anthony Zammit.

5. Rigward id-danni reklamati mill-atturi ma saret l-ebda kontestazzjoni. Dawn gew ikkonfermati mill-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

(1) Jiddikjara lill-konvenuta Jacqueline Farrugia unikament responsabbli ghall-incident li sehh gewwa l-Marsa fid-9 ta' Jannar 2001 u jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u disgha u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm869.05), in kwantu ghal Lm844.05 pagabbli lis-socjeta attrici u Lm25 pagabbli lill-attrici Carmen Cutajar, bl-imghax min-notifika ta' l-avviz tat-talba.

(2) Tichad il-kontro-talba ntavolata mill-konvenut, salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li ghandu fil-konfront tal-konvenuta Jacqueline Farrugia.

Bl-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenuta Jacqueline Farrugia. B'dan li l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb

ghall-ispejjez tal-konvenut Anthony Zammit, eskluzi dawk tat-talba rikonvenzjonali.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**